MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 39/2003

**Joseph Said**

**vs**

**Jason Zammit**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi waqt li kien qed isuq tul Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Ghawdex nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) bil-vettura tieghu tal-marka Mitsubishi bin-numru EAH 034, l-attur gie investit minn vettura tal-marka Vauxhall bin-numru IAV 153 misjuqa mill-konvenut.

Peress illi dan l-incident sehh unikament minhabba negligenza u imperizja da parti tal-konvenut, b'mod specjali minhabba manuvra azardata ta' U-Turn li ghamel.

Peress illi d-danni sofferti minn l-attur jammontaw ghal tmien mija u tlieta u tletin liri Maltin u hames centezmi (Lm833.05).

Peress illi l-konvenut ma hallas xejn minn dan l-ammont minkejja li nterpellat diversi drabi.

**Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn dan it-Tribunal li:**

1. Jhallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u tlieta u tletin liri Maltin u hames centezmi (Lm833.05).

2. Jhallas l-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjes kollha inkluzi l-ispejjes ta' l-ittra ufficcjali ta' Ottubru 2002. Bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni."

Ra r-riferta posittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduti li nzammu mit-Tribunal wara d-dekorriment tat-terminu moghti ghar-risposta u cioe' dawk fil-21 ta' Mejju 2003 u dik tal-lum;

Sema' d-deposizzjoni guramentata ta' l-attur li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-attur u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM833.05 bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lill-attur quddiem dan it-Tribunal u tal-ittra ufficcjali t'Ottubru 2002 a kariku tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------